MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 715/2002

**Angelo Spiteri**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas l-ammont ta' erbat elef disa' mija u disgha u disghin Lira Maltin (LM4,999.00,0) jew somma verjuri li jirrapprezenta l-prezz tal-ispeedboat tat-tip speedcraft bin-numru tar-registrazzjoni 14393 u magna outboard tat-tip Mercury 150HP proprjeta' tal-**

**attur liema bcejjec tal-bahar insterqu u huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni li l-attur ghandu mal-konvenut u li skond l-istess polza l-konvenut huwa dovut ihallas, rizultat tas-serq, liema konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas minkejja li kien interpellat diversi drabi;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li ma sehh ebda incident li ghalih ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' eccipjenti;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu respinti stante li l-imsemmija speed-boat ma kinitx qed tinzamm fil-lok indikat mill-attur fil-proposal form li abbazi taghha harget il-polza;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat bhala valur tal-bcejjec tal-bahar allegatament misruqa huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur reali ta' l-istess bcejjec;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluzi in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u r-risposta ta' l-attur;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien proprjetarju ta' "speedboat" meritu tal-procedura odjerna, b'mutur ta' 150 "horsepower";**

**2. Illi l-istess attur kien inxurja l-istess "speedboat" mas-socjeta' attrici u dan, skond il-kondizzjonijiet pattwiti, (ara fol 25 et seq);**

**3. Illi l-attur kien jorbot l-istess "speedboat" fil-bajja ta' San Tumas;**

**4. Illi sussegwentement insterqet u l-attur irrapporta l-ghejbien taghha kemm mal-Pulizija u mas-socjeta' attrici;**

**5. Illi l-attur istitwixxa din il-procedura in vista tal-"insurance" fuq l-istess "speedboat";**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk il-vertenza odjerna ssib ir-risoluzzjoni taghha fl-istess polza ta' assikurazzjoni ta' l-attur;**

**Illi in sintesi din l-assikurazzjoni kienet tistipula li l-attur kien obbligat jorbot l-istess "speedboat" fil-bajja ta' Marsascala faccata tal-Knisja u m'hux f'din tal-bajja ta' San Tumas fejn allegatament kienet meta giet misruqa;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi, stante li l-attur ma ottemperax ruhu ma' din il-kondizzjoni minnu pattwita mas-socjeta' konvenuta, din ta' l-ahhar qed tikkontesta t-talbiet attrici;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-attur ma ottemperax ruhu mal-polza assikurattiva hija debitament ipprovata stante li jirrizulta assodat ex admissis mill-istess attur li hu kien jorbot id-dghajsa de quo f'post mhux kopert bl-assikurazzjoni opportuna;**

**Illi konsegwentement it-talbiet attrici huma privi mill-fondament guridiku li seta' jsostnihom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tichad l-istess talbiet u takkolji l-eccezzjonijiet sollevati bl-ispejjez kontra l-attur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------